## AVVIŻI

1. Il-Ħadd 2 u 16 ta’ Lulju 2023 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta’ Awwissu 2023 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 3 ta’ Settembru 2023 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 17 ta' Settembru 2023 fil-5.30pm
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Ottubru 2023 fil-5.00p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista’ jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta’ sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Azzopardi, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba’ kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b’informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista’ jakkwista wkoll santi bit-talba ta’ interċessjoni ta’ Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta’ dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-website.
7. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta’ dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 135 Lulju 2023 ĦARĠA ELETTRONIKA



*Madonna tal-Girgenti agħmilna lkoll kuntenti*

## IS-SEBGĦA U TLETIN ANNIVERSARJU TAL-ISTATWA TAL-MADONNA FIL-GIRGENTI

Wara nuqqas ta' tliet snin, nhar il-Ħadd 7 ta’ Mejju 2023 fakkarna s-seba' u tletin anniversarju mit-tqegħid ta’ l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Il-laqgħa bdiet minn ħdejn it-Troll fit-tarf tat-triq il-qadima u sakemm id-devoti waslu fejn l-istatwa ġie rreċitat ir-rużarju.

Mal-wasla tad-devoti quddiem l-istatwa tal-Madonna tkanta l-Innu lill-Madonna u ntqalet il-viżità lill-Madonna. Din il-viżita hija magħmula minn talb qasir li kienet ħejjiet Ġuża Mifsud stess.

## VIŻITA LILL-MADONNA

Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, Mulej Ġesu ta' l-Ewkaristija, Spirtu s-Santu Alla, insellmulkom, nadurawkom u nħobbukom. Madonna aħna nsellmulek. ***Pater, Ave u Glorja.***

Għażiża Ommna Marija Santissima bil-għajnuna li inti tatina aħna spiss niġu f'dawn l-inħawi tal-Girgenti biex quddiemek u quddiem il-Majjesta tal-kbir Alla, mieghek nitolbu u nagħmlu l-penitenzi. ***Pater, Ave u Glorja.***

Madonna, aħna nħobbuk. Inti tajtna ħafna direzzjonijiet, għajnuna u kuraġġ biex f'dan il-post aħna nqaxxna ħafna ġrajjiet sbieħ, ħafna atti ta' mħabba u penitenza lejn il-kbir Alla, lejn il-Mulej Ġesu u biex inkabbru l-fidi li jagħtina l-Ispirtu s-Santu. ***Pater, Ave u Glorja.***

Mid-dija xemxija li minna ġejjin ismagħha Madonna din it-tislima tagħna l-Maltin u l-Għawdxin u tad-dinja kollha maqgħuda fl-imħabba u t-tama li inti tatina mis-smewwiet. ***Pater, Ave u Glorja.***

Għażiża Madonna meqjuma f'dan il-mafkar tal-Girgenti, agħtina l-għajnuna tiegħek biex aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar inkunu kuntenti u agħmel li Malta u d-dinja jimtlew b'imħabba kbira lejn is-sema biex il-Missier tagħna ċelesti jkompli jgħinna, jaħfrilna u jippreparana għall-mewta tajba. ***Pater, Ave u Glorja.***

Għażiża Madonna tal-Konsagrazzjoni, kompli ifhimna u itlob għalina quddiem il-kbir Alla u quddiem ibnek Ġesu kemm fis-sema u kemm fl-art biex tressaqna għal dak il-post imħejji għalina fil-Ġenna. ***Pater, Ave u Glorja.***

Għażiża Madonna aħna tant inħobbuk li niġu minn darna biex hawn nagħtu qima kemm lilek, lil kbir Alla u lil Ġesu. Għinna fil-bżonnijiet tagħna kemm materjali u spiritwali u biex ngħarfu u naċċettaw li dejjem nagħmlu r-rieda t'Alla l-Missier. ***Pater, Ave u Glorja.***

**TALBA**

Ikun imfaħħar u mbierek il-kbir Alla fis-sema u ikun imfaħħar u



mbierek il-Mulej Ġesu fis-sema u fit-tabernakli kollha tad-dinja inkluż it-tabernaklu fqir ta' ruħna.

Nirringrazzjawk O kbir Alla tal-grazzji li qed tagħtina li nħallu djarna biex niġu hawnhekk b'ħafna fidi kbira ħalli nfaħħruk u nagħmlu dawn l-atti ta' penitenza. Spirtu s-Santu kun magħna. Qawwi l-imħabba, l-fidi u t-tama tal-Maltin, l-Għawdxin u tal-barranin biex ħadd ma jibqa' fit-triq il-ħażina imma lkoll naqbdu t-toroq it-tajba li l-kbir Alla iridna ngħaddu minnhom u li ħejjilna permezz ta' Ibnu Ġesu meta bagħtulna fid-dinja bil-permess ġentili u sabiħ ta' l-għażiża Madonna.

Alla Missier aħna niġu hawn fuq biex nagħtu qima u ġieħ u nuru mħabba l-aktar kbira u mistħoqqa lilek u lil Ibnek Ġesu, ħuwna l-kbir li qiegħed jipproteġina u jitlob għalina quddiemek, kif ukoll biex nuru d-devozzjoni tagħna lejn l-għażiża ommok u ommna Marija. Għinna biex inkomplu nitolbu għall-bżonnijiet tal-proxxmu tagħna, biex ma nkunux egoisti fit-talb tagħna ħalli l-messaġġ ta' paċi u mħabba li ħiereġ minn dan il-mafkar żgħir tal-Girgenti ikompli jinxtered mad-dinja kollha. Madonna tal-Konsagrazzjoni mexxina lejn is-salvazzjoni."

## KONSAGRAZZJONI

Aktar tard intqalet it-talb tal-konsagrazzjoni tal-qlub tagħna lil Marija kif ukoll it-talba tal-konsagrazzjoni tal-familji lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù l-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija:

Qalb divina ta' Ġesù u qalb purissima ta' Marija, aħna illum irridu nikkonsagrawlek lilna nfusna u l-familja tagħna. Irridu li tkunu intom is-sidien assoluti tal-familja tagħna.

Qlub imqaddsa ta' Ġesù u Marija, l-aktar qlub qaddisa u maħbuba tal-Missier Alla, saltnu fuqna u fuq il-familja tagħna bħala familja tagħkom biss. Eħilsu l-familja tagħna mill-ħażen u kull ħsara tax-xitan u tal-bnedmin, ħarsuha u iddefenduha dejjem... il-familja sħiħa u kull membru tagħha.

Imlewna bil-barka u r-risq f'kull għemil tagħna. San Ġużepp ta' qalb l-aktar safja, missier il-Familja Mqaddsa, kun int ukoll il-missier ta' din il-familja bħala l-familja tiegħek kif kienet il-familja ta' Nazaret.

Qlub imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija, żommu magħqudin magħkom lil din il-familja tagħna, biex kif aħna ikkonsagrati lilkom f'din l-art, inkunu ilkoll familja waħda fis-sema, flimkien magħkom għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## LEĦEN ĠUŻA MIFSUD

Kif isir fl-anniversarju, aktar tard instema messaġġ b'leħen Ġuża Mifsud. Hija qalet hekk:

San Ġużepp il-protettur tal-Knisja ta' artna u tad-dinja kollha għinna u itlob għalina lil Alla biex Alla Missier tagħna ikompli jbierek lil Malta u lil Għawdex, ibierek lid-dinja kollha speċjalment fejn hemm il-gwerer, ibierek lir-Russja għax jekk il-Mulej ikollu il-barka fir-Russja, jagħti l-barka lid-dinja kollha speċjalment li jagħtina l-paċi, il-paċi li tant mixtieqa minn kulħadd, rigward il-paċi li trid il-Madonna, il-paċi li l-Madonna tridha li tibdilna minn l-art żgħira tagħna ta' Malta u Għawdex u tkompli fl-Amerka, fir-Russja, f'El Salvador fejn hemm il-gwerer, rigward Israel, ħutna Palestinjani jkunu fil-paċi msieken, fejn insomma, il-Mulej qed jixħet il-ħarsa Tiegħu fuq id-dinja kollha biex tiġi l-imbierka u l-imqaddsa ta' paċi.

Tifħir lis-sema adorabbli t'Alla: ikun imbierek Alla, ikun imbierek l-isem imqaddes Tiegħu, imbierek Ġesu Kristu veru Alla u veru bniedem, imbierek l-isem imqaddes ta' Ġesu, imbierek id-demm prezzjużissimu ta' Ġesu, imbierek Ġesu fis-Santissimu sagrament tal-artal, imbierek l-Ispirtu s-Santu paraklitu, imbierka l-kbira omm t'Alla Marija Santissima, imbierka l-imqaddsa immakulata konċezzjoni tagħha, imbierek l-isem ta' Marija verġni u omm, imbierek San Ġużepp għarus kastissmu tagħha, imbierek Alla bl-anġli u l-qaddisin tas-sema kollha Tiegħu. Ikun imbierek u adorat kull ħin u kull mument ħobż tas-sema ħaj, dan veru sagrament. Sliem għalik Marija...

Ġesu tiegħi, ibqa' miegħi, waħdi la tħallini qatt, Inti taf jien kemm ħabbejtek waħdek ma ħallejtek qatt. Ġesu tiegħi kif tinsab ġewwa r-ruħ u ġewwa l-qalb tiegħi bil-grazzja Tiegħek u bik innifsek, nitolbok Ġesu Kristu tiegħi biex isservini bħala ikel u bħala mediċina ta' ruħi u ta' ġismi. Kun Inti Ġesu tiegħi it-tabib tar-ruħ u tal-ġisem tiegħi. Fejjaqli Ġesu il-pjagi ta' ruħi u anka ta' ġismi.



Jiena nsellimlek O ġilju bajdani tat-Trinita Mqaddsa, dejjem glorjuża u paċifika, jiena nsellimlek O warda ta' l-għola ġmiel tal-Ġenna u tas-sema, inti li minnek ried jitwieled u li mingħandek ried jgħix is-Sultan tas-sema u l-art, għejjixli Madonna ir-ruħ tiegħi bil-grazzja t'Alla.

Qalb ta' Ġesu li soffrejt agunija l-aktar ħarxa fuq is-salib ikollok ħniena minni, ikollok ħniena mill-missjunarji u mill-midinbin kollha ta' arti u tad-dinja kollha.

Madonna refuġju tal-midinbin ħenn għalina, Madonna it-tarka tat-tajbin ipperseverana sa l-aħħar, Madonna agħtina l-għajnuna tiegħek kemm fir-ruħ u kemm fil-ġisem, Madonna li tant qegħda qrib il-Mulej itlob għad-dgħajja, dawk li jidgħu tant ikraħ bil-Mulej u dawk li jidgħu bl-isem imqaddes tiegħek O verġni Marija.

Nobdu lill-Mulej, nobdu lill-Madonna u mhux ninfexxu f'dawka l-affarijiet koroħ tad-dagħa imma ninfexxu nfaħħru lill-Mulej kull ħin u kull mument.

Għalhekk minn qalbi ngħidilkom jiena, l-aktar għeżież ħuti li jiena l-Madonna qed tagħtini dawn l-ispirazzjonijiet biex jiena nwassalhom lilkom biex minflok li aħna nduru kontra l-Mulej b'dawn l-affarijiet induru favur il-Mulej b'ħafna tifħir rigward illi ngħidu: It-tifħir nagħtuk Mulejja..... ismek jikber u jitgħolla.

## ĊERIMONJA TAL-QANPIENA

Matul il-laqgħa saret ukoll iċ-cerimonja tal-qanpiena b'reparazzjoni għad-dagħa. Għal min mhux midħla ta' din iċ-ċerimonja tajjeb jingħad illi din il-qanpiena hija marbuta ma' grazzja spiritwali ta' persuna li kien jidgħi ħafna. Tela' l-Girgenti jitlob u rnexxielu jaqta' dan il-vizzju. Wara mar għand Ġuża u talabha biex fil-Girgenti ssir qanpiena ħalli bit-tokki tal-ilsien tagħha l-qanpiena tfaħħar lil Alla u tpatti għad-dagħa li jsir minn tant ilsna ta' bnedmin.

Dwar dan Ġuża tgħid li tkellmet mal-Madonna u din qaltilha biex din il-qanpiena tfittex issir u li f'kull laqgħa jindaqqu ħames tokki: tlieta ad

unur lis-Santissima Trinità, oħra għall-Madonna u oħra għal San Ġużepp u l-Qaddisin kollha.

L-ewwel darba li nstemgħu dawn it-tokki fil-Girgenti kien proprju fil-laqgħa ta' Jannar 1997. Għall-ewwel kienu jindaqqu biss 5 tokki, iżda mbagħad fuq suġġeriment ta' Fr. John Scerri, Ġiżwita, bdew dawn it-tokki bdew jiġu akkumpanjati mit-talb. Ma' l-ewwel tliet tokki jingħadu tliet Glorja Patri, mat-tokka li jmiss Ave Marija lill-Madonna u ma' l-aħħar tokka jingħadu il-ġakolatorji "San Ġużepp ta' qalb safja, itlob għalina. Qaddisin kollha tas-sema, itolbu għalina."

Matul il-laqgħa ntqalu wkoll it-talba lil Ġesu jbati komposta minn Ġuża Mifsud stess u t-talb lil San Ġużepp u San Mikiel.

Waqt il-laqgħa tkantaw diversi innijiet Marjani minn Bernie Caruana li kien akkumpanjat fuq l-orgni mis-Sinjura Carmen Aquilina.

**Dr. Sylvana Azzopardi**

## TALBA

Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Ammen. *Glorja lill-Missier...*

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

**Fl-okkażżjoni tas-sebgħa u għoxrin anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2023 fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna.**



## ATTIVITAJIET EXTRA FIL-GIRGENTI



Quddiesa b'intenzjoni familjari minn Fr. Jake Mamo fit-12 ta' April 2023



Attività għat-tfal u ġenituri organizzata mill-Museum Safi u Kirkop fis-6 ta' Mejju 2023



Quddiesa minn Fr. Sergio Fenech għal grupp mill-Mellieħa fis-17 ta' Mejju 2023



Attività għat-tfal organizzata mill-Museum Zurrieq fl-20 ta' Mejju 2023